**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 454/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Noel Falzon**

**Illum 06 ta' Dicembru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Noel Falzon ta' 46 sena, iben Carmel u Patricia nee' Mansfield, mwieled Tas-Sliema nhar il-5 ta' Novembru 1970 u resident 12, Triq il-Professur Anton Tabone Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita' numru 448770M.

Akkuzat talli f' Birzebbuga nhar it-22 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-sebgha nieqes kwart ta' filghodu, (06:45)

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, bil-hsieb li tikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Cutajar (ID 145487M) permezz ta' arma irregolari, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek u sar fuq il-persuna ta' xhud jew perit li jkun xehed jew ta l-fehma tieghu f'kawza u minhabba dik ix-xhieda jew perizja;

2. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' David Cutajar (ID 145487M) hekk kif iccertifikat minn Dr Maria Stella Caruana (Med Reg 2069) liema offiza saret fuq il-persuna ta' xhud jew perit li jkun xehed jew ta' l-fehma tieghu f'kawza u minhabba dik ix-xhieda jew perizja;

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil David Cutajar (ID:145487M) biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien u bniet jew fuq il-persuna ta' xhud jew perit li xehed jew tal-fehma tieghu f' kawza u minhabba dik ix-xhieda jew perizja.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 ( c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

F' kaz ta' htija l-Qorti mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' David Cutajar u l-familja tieghu ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur Melvyn Camilleri qara u ikkonferma bil-gurament ic-citazzjoni fil-konfront ta' l-imputat u dan fis-seduta datata 9 ta' Novembru 2017;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' certifikat tat-twelid ta' l-imutat, Fedina Penali, Certifikat immarkat bhala DOK MSC1, CCTV recording (kontenti f' zewg CD's) immarkat bhala DOK DC1, Okkorenza mmarkata bhala DOKCG1, hadida mmarkata bhal DOK AC1, Rapport mmarkat bhala DOK MB1 ,

Semghet ix-xhieda ta; l-Ispettur Melvyn Camilleri, Dr. Maria Stella Caruana, David Cutajar, PC994 Charmaine Grech, PS1042 Aaron Caruana, David Cutajar, Dr. Martin Bajada, Dr. Martin Bajada.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-erbatax-il jum (14) ta' Lulju 2021 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 31, 41 (1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(ċ)(d)(2) u 222(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 31, 214, 215, 221(1)(4) u 222(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(c) Fl-artikolu 251B (1)(2) tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 7,8 11, 14, 16, 17, 19, 23, 27 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta datata 6 ta' Dicembru 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u wara li l-

Qorti tat zmien bizzejjed biex l-imputat jikkunsidra l-ammissjoni tieghu wara li tat lill-imputat cans jerga' jkellem lill-konsulent legali tieghu, huwa ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ftehim bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni li in vista ta' dan l-incident ma jkunx idoneju li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva u in vista' tal-fatt li mill-qari tal-fedina penali jirrizulta li l-ahhar entrata hija dik li tirrisali ghall-2014, il-Qorti mhux sejra timponi piena karcerarja effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 17, 19, 23, 27, 31, 41 (1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(ċ)(d)(2), 222(1)(b), 221(1)(4), 251B (1)(2), issib lill-imputat Noel Falzon hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

Tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u tqieghed lill-hati Noel Falzon taht garanzija personali milli jkellem jew javvicina lil David Cutajar ghal zmien sena mil-lum taht penali ta' €1500.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**